MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 38/2004/1

Joseph Borg
vs
Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta:

Illi fl-1988 ir-rikorrent kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fix-xhur ta' qabel is-26 ta' Gunju 1987, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor, f'xi dokument ghal xi awtorita` pubblika, xjentement kien ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz. Barra minn hekk, fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, huwa kien gie akkuzat ukoll talli fis-26 ta' Gunju 1987, kien ghamel uzu minn box truck tal-marka Leyland numru ta' registrazzjoni TLM 182 R tal-valur ta' Lm550, dazju ta'

Lm302.50, biex jimporta f'Malta tlettax (13)-il kaxxa li kien fihom magni tal-loghob zarmati li kienu dikjarati falz fir-rapport tal-karigu valur Lm3,500, dazju Lm2450, kif kien muri fin-nota ta' qbid numru 50/87 u talli f'Gunju 1987 kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu zewg cordless telephones numri tas-serje B761515 u B761518, valur Lm50, dazju Lm36, kif kien muri fin-nota ta' qbid numru 8/88 li l-importazzjoni ta' l-oggetti msemmija kienet ipprojbita jew ristretta u d-dazju fuqhom ma kienx gie mhallas jew kawtelat bi ksur ta' l-art 6(5), u l-art 60(a) (b) (c) u l-art 61(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 60 ta' l-Edizzjoni Riveduta.

Illi r-rikorrent kien ikkontesta l-htija.

Illi dawn il-proceduri kriminali kienu damu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-1988 sas-sena 2004.

Illi b'sentenza moghtija fit-22 ta' Lulju 2004 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabet lir-rikorrent hati tar-reati kontemplati taht l-artikoli 188 u 533 tal-Kap 9, kif ukoll taht l-artikolu 62 tal-Kap 37. Rat l-artikoli 60 u 6(5) tal-Kap 37 u l-artikolu 17 tal-Kap 9.

"Dwar il-piena, ikkunsidrat ukoll fattur ta' importanza kardinali ghal process gudizzjarju gust u cioe` d-dewmien li bih kienet attribwita din il-kawza li certament ma kienx attribwibbli lil Borg, ghalhekk tali fattur jinhtieg jittiehed in konsiderazzjoni. Fatt iehor li din il-Qorti trid tirrimarka fuqu huwa li l-vettura maqbuda ghand il-Kontrollur spiccat mahruqa! Rat il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta vigenti fiz-zmien ta' l-akkuza u qed tikkundanna lil Joseph Borg ghall-hlas ta' multa ta' ghaxart elef tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm10,862.50) b'dan pero` li wara li rat anke l-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 konsiderando dak premess qed izzomm il-multa *qua piena* ghal htija taht l-artikolu 188 ta' l-imsemmi Kapitolu fil-minimu. Qieghda wkoll tordna l-konfiska tat-truck, dak li baqa' minnu, u l-kaxxi bil-kontenut taghhom kollu. Mhux qieghda ssib htija fil-konfront taz-zewg cordless phones maqbuda in kwantu temmen il-versjoni moghtija minn

Borg fil-konfront ta' l-istess. Tordna wkoll lil Borg ihallas dawk l-ispejjez gudizzjarji nkorsi f'din il-kawza.

Rat ukoll l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 u tawtorizzah li jhallas l-istess multa f'perjodu ta' tliet snin."

Illi r-rikorrent kien hassu aggravat bil-precitata sentenza u kien interpona umili appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi l-appell tieghu kien gie appuntat ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2004. Meta kien issejjah l-appell, fuq ordni tal-Qorti, kienet giet ipprezentata l-fedina penali aggornata ta' l-appellant. Imbaghad, l-avukat tal-prosekuzzjoni kien eccepixxa preliminarjament in-nullita` ta' l-appell peress illi "f'dan il-kaz messu ntalbet ir-riforma u mhux ir-revoka".

Illi kien jirrizulta mill-atti li r-rikorrent temm ir-rikors ta' l-appell tieghu hekk:

"Ghaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jinterponi umili appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Lulju 2004 li biha gie misjub hati ta' l-imputazzjonjiet dedotti kontra tieghu u kkundannat ihallas multa ta' ghaxart elef lira (Lm10000), jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat Joseph Borg minn kull htija u piena skond il-ligi."

Illi wara li kienet tqajjmet din l-eccezzjoni preliminari, il-Qorti kienet iddikjarat illi l-gurisprudenza hija fis-sens li kellha tintalab ir-riforma u mhux ir-revoka u wissiet lid-difensur tar-rikorrent li kienet ser tiddikjara r-rikors ta' l-appell irritu u null.

Illi l-verbal tal-Qorti kompla hekk:

"F'dan l-istadju Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellant qed jissolleva punt ta' natura kostituzzjonali li a tenur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 ghandu jigi riferut lill-Qorti kompetenti ghat-trattazzjoni u decizjoni u dan wara li l-Avukat Generali permezz ta'

eccezzjoni preliminari ssolleva n-nullita` tar-rikors ta’ l-appell minhabba li ntalbet ir-revoka tas-sentenza u mhux ir-riforma tas-sentenza.

Id-difiza ta’ l-appellant tissottometti illi [interpretazzjoni] daqstant rigida, meta tigi paragunata mal-konsegwenza li l-appellant jitlef id-dritt li jappella mis-sentenza, hija eccessivament gravuza fuq id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq (art 6 tal-Kap 319) u d-dritt ghal rimedju effettiv (art 13 tal-Kap 319) a jiddikjara li ser jipprocedi b’rikors quddiem il-Qorti kompetenti f’dan is-sens.”

Illi mbaghad kien inghata s-segwenti digriet:

“Il-Qorti,
In vista tad-dikjarazzjoni ta’ l-appellant li ser jintavola proceduri kostituzzjonali biex jinvicja l-eccezzjoni preliminari li nghatat mill-Avukat Generali dwar in-nullita` tar-rikors ta’ l-appell u in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ssibx oggezzjoni li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm dan il-punt jigi deciz mill-Qorti kompetenti, taghti tlett gimghat zmien lill-appellant biex jintavola r-rikors tieghu quddiem il-Qorti kompetenti, b’dana li kopja ta’ l-istess rikors ghandha tigi esibita b’nota quddiem din il-Qorti u tiddifferixxi l-kawza ghat-28 ta’ Ottubru 2004 fid-9.00 a.m. biex, f’kaz li jkun prezentat l-istess rikors sa dakinhar, tissoprassjedi sakemm ikun maghruf l-ezitu finali ta’ l-istess proceduri kostituzzjonali.”

Illi skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) tkun giet jew tkun qed tigi u anke sahansitra jekk ***<u>tkun x’aktarx ser tigi miksura dwarha,</u>*** tista’ titlob lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.

Illi fil-fehma tar-rikorrent it-tqanqil jew sollevar ta’ l-eccezzjoni preliminari mill-Avukat Generali dwar in-nullita` tar-rikors ta’ l-appell meta dan fil-fatt kien qed jitlob ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kien ser jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghal ***access ghal qorti*** u ghal ***smiegh xieraq*** (artikolu 6 tal-Konvenzjoni) kif

ukoll ghal ***rimedju effettiv*** (artikolu 13 tal-Konvenzjoni). Dan, kunsidrat il-fatt li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet diga` iddikjarat illi l-gurisprudenza hija fis-sens li kellha tintalab ir-riforma u mhux ir-revoka u li kien fi hsiebha tiddikjara r-rikors ta' l-appell irritu u null.

Illi r-rikorrent kien hass illi dak li kien jista' jsegwi mit-tqanqil ta' tali eccezzjoni li r-rikors huwa irritu u null kien imur kontra l-principju ta' ***proportionality*** enuncjat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u kien ser jikkostitwixxi dak li jissejjah fil-gurisprudenza ta' Strasbourg ***a disproportionate hindrance*** u b'hekk kien jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Illi fil-kaz **Hadjianastassiou vs Greece** (1992) il-Qorti Ewropea kienet irriteniet li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba l-perijodu qasir biex jigi pprezentat appell motivat. Il-Qorti ta' Kassazzjoni Griega kienet cahdet appell fuq il-bazi li kien wiehed vag. Izda l-Qorti Ewropea kienet irriteniet li dan kien ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minhabba t-terminu statutorju qasir biex jigi sottomess appell motivat.

Illi fil-kaz **Aerts vs Belgium** (1998) il-Qorti Ewropea kienet iffavoriet id-dritt li l-appell intavolat jigi mismugh.

Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jinkorpora fih "right of access to a court".

Illi fil-kaz **Escolano and Others vs Spain** (25 ta' Jannar 2000) il-Qorti Ewropea kienet irriteniet illi l-interpretazzjoni ta' regola ta' procedura b'mod partikolarment strett ipprivat lill-applikanti mid-dritt ta' access lil qorti sabiex il-pretensjonijiet taghhom jinstemghu:

**"...** The Court reiterates that the rules governing time-limits for appeals are intended to ensure a proper administration of justice. That being so, the rules in question or their application, should not prevent litigants from using an available remedy. ... Since the issue

concerns the principle of legal certainty, it is not merely a problem of interpretation of a legal provision in the usual way but of an unreasonable construction of a procedural requirement which prevented a claim for compensation being examined on the merits and thereby entailed a breach of the right to the effective protection of the courts. The parties must be able to avail themselves of the right to bring an action or to lodge an appeal. Otherwise, the courts could substantially reduce the time for lodging an appeal or even render any appeal impossible. ... The Court consequently considers the domestic courts' particularly strict interpretation of a procedural rule deprived the applicants of the right of access to a court (see mutatis mutandis, the Perez de Rada Cavanilles vs Spain judgement of 28 October 1998, Reports 1998, pp. 3256-57, #9). There has been therefore a violation of Article 6(1) of the Convention."

Riferenza ghal dan il-kaz tinstab ukoll f'The **Law of Human Rights** (Richard Clayton QC u Hugh Tomlinson QC) Second Annual Updating Supplement, p. 124, paragrafu 11.192A:

"In Escolano vs Spain (Judgement of 25 January 2000) the Court held that the particularly strict interpretation of a procedural rule (in relation to limitation) deprived the applicants of the right of access to the court to have their claims for compensation examined"

Fil-kaz **Manibardo vs Spain** (15 ta' Frar 2002) deciz ukoll mill-Qorti Ewropea, l-Audencia Provincial ta' Tarragona iddikjarat appell inammissibbli skond il-ligi Spanjola minhabba n-nuqqas ta' depozitu ta' somma flus skond ordni ta' qorti ta' l-ewwel istanza. Izda l-Qorti Ewropea kienet irriteniet:

**"...** The applicant's appeal was declared inadmissible owing to her failure to deposit the requisite amount. She was thus deprived of a remedy which could have proved decisive for the outcome of the dispute. The Court finds that by obliging her to pay the amount ordered, the Audencia Provincial prevented the applicant from using an

existing and available remedy, such that a disproportionate hindrance was put in the way of her right of access to a court. Consequently there has been a violation of Article 6(1).”

Fil-kaz **Belez and Others v. Czech Republic** (12 ta’ Novembru 2002) deciz ukoll mill-Qorti Ewropea kien gie ritenut hekk:

“The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. **...** It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants’ action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed **...** Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants’ right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention.”

Ara wkoll **Brumarescu v. Romania** (2001) 33 EHRR 36 deciz mill-Qorti Ewropea.

Illi tenut kont ta’ dawn il-pronunzjamenti tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, interpretazzjoni daqstant rigida meta tigi paragunata mal-konsegwenza li l-appellant jitlef id-dritt li jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija

eccessivament gravuza fuq id-drittijiet fondamentali tieghu ghal access ghal qorti, ghal rimedju effettiv u ghal smiegh xieraq. Fi kliem il-Qorti Ewropea, dan ikun jikkostitwixxi ***"a disproportionate hindrance".***

Illi barra minn hekk, it-tqanqil jew sollevar ta' tali eccezzjoni lanqas kien gustiflkat ghaliex fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati is-sejbien ta' htija kien wiehed uniku, u cioe` hati tar-reati kontemplati taht l-artikoli 188 u 533 tal-Kap. 9 u taht l-artikolu 62 tal-Kap. 37, u r-rikorrent kien gie liberat minn oggett wiehed (zewg cordless telephones) minn fosi diversi oggetti. Ghalhekk, it-talba ghar-revoka, terga' w tghid, kienet effettivament korretta, u ma kienx hemm lok ghal talba ghal riforma tas-sentenza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizzjonijiet hawn imsemmija, li ghal protezzjoni taghhom ir-rikorrent kien intitolat, u cioe` d-drittijiet fondamentali tieghu ghal access ghal qorti, ghal smiegh xieraq u ghal rimedju effettiv, u tiddeciedi li t-tqanqil ta' l-eccezzjoni preliminari msemmija kien jilledi l-garanzija mahsuba fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u, okkorrendo, tiddikjara li l-imsemmija interpretazzjoni daqstant rigida li twassal ghar-rifjut li jigi ezaminat il-meritu ta' l-appell timmina l-essenza tad-dritt ta' l-applikant ghal access ghal qorti, li huwa parti integrali mid-dritt ghal smiegh xieraq, u konsewentement tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh ta' l-appell fil-meritu.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha eccepew:

1. Preliminarjament ukoll, ir-rikors promutur kien irritu u null stante li din il-kwistjoni kostituzzjonali kellha tinbeda b'referenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan is-sens id-digriet li awtorizza din ilprocedura kien ukoll irritu u null. L-artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4(3) tal-Kap 319 jipprovdu li Qorti li mhix il-Prim' Awla meta rinfaccjata minn kwistjoni kostituzzjonali, ghandha taghmel referenza lil Prim' Awla, sakemm ma jidhrilhiex li l-kwistjoni hija

frivola u vessatorja. Dan ifisser li l-qorti li quddiemha jqum il-punt kostituzzjonali trid tisma' l-lanjanza x'inhi, imbaghad tiddeciedi jekk hix frivola u fil-kaz tkompli tisma' l-kaz, jew inkella tiddeciedi li fiha bizzejjed sustanza u f'dak il-kaz tirreferiha lil Prim' Awla. Kull haga ohra li Qorti taghmel f'dawn ic-cirkustanzi huwa lil hinn millprocedura stabbilita fil-ligi u ghalhekk null. Ara f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet **Angelo Spagnol vs Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Jannar 1989.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intempestivita` ta' dan ir-rikors promutur stante li ghad ma kienx hemm decizjoni finali dwar in-nullita` o meno tar-rikors tal-appell filproceduri kriminali, u ghalhekk din il-Qorti kellha tastjeni milli tisma' dan ir-rikors f'dan l-istadju.

3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ilprocedura kostituzzjonali kienet qieghda f'dawn il-proceduri tkun abbuzata, peress li kull ma kien qed isehh kien li r-rikorrent kien qed jipprova juza dawn il--proceduri bhala forma t'appell tat-tielet istanza, minn decizjoni (li kienet ghadha ma nghatatx) tal-qorti tal-appell kompetenti.

4. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-qorti kellha tastjeni milli tisma' dan ir-rikors minhabba li din kienet procedura frivola u vessatorja u dan minhabba r-ragunijiet imsemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu t'hawn fuq.

5. Illi fil-mertu, kien jidher li l-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrent kienet qed issir fir-rigward tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni. Imbaghad kien issemma wkoll l-artiklu 13 fir-rigward tar-rimedju effettiv. L-artikli l-ohra li kienu jissemmew huma artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319. Dawn it-tnejn tal-ahhar kienu jistabilixxu biss il-procedura li ghandha tkun segwita f'kaz ta' lanjanzi kostituzzjonali.

6. Illi rigward l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, kien jidher li l-aspett li minnu kien qed

jilmenta r-rikorrent kien in-nuqqas ta' access ghal qorti u ghal smigh xieraq. Dan dejjem fid-dawl ta' dik il-parti tal-artiklu 46 li tawtorizza lir- rikorrent jipprocedi f'kaz li jidhirlu li aktarx se jkun hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tieghu. L-intimati kienu ssottomettew li f'dan il-kaz ma kien qed isir l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem ghax il-kaz ma kienx jinkwadra taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u dan kif kien se jkun muri iktar '1 isfel, u ghalhekk ma kienet tezisti l-ebda probabbilta` li kien se jkun hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrent. Ladarba ma kienux jezistu l-kriterji necessarji ghall-ezistenza tad-dritt, lanqas kienet tezisti l-probabbilta` tal-ksur tieghu.

7. Illi wkoll rigward dik il-parti tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319 li tipprovdi ghal proceduri fil-kaz ta' probabbilta` ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-intimati kienu ssottomettew li ladarba l-appell kriminali kien ghadu mhux deciz b'mod finali u konklussiv, ma tezistix dik il-probabbilta` li trid il-ligi biex ikunu jistghu jinbdew proceduri kostituzzjonali.

8. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni dwar ksur tad-dritt ghall-access ghall-qorti bhala parti mid-dritt ghal smigh xieraq, l-intimati kienu ssottomettew li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom ikunu michuda peress li:

a. ir-rikorrent kellu access adegwat ghall-qorti kemm fi stadju ta' prim'istanza kif ukoll ta' appell. Ir-rikorrent kien inghata opportunita` xierqa li jressaq ir-rikors t'appell tieghu bil-miktub, u l-kawza kienet appuntata ghas-smigh. Kienet saret ukoll l-ewwel seduta fejn imbaghad kien inqala' punt procedurali, liema punt f'dan l-istadju kien ghadu mhux deciz. Ghalhekk id-dritt t'access ma kienx jinkwadra f'dan il-kaz ghax fil-fatt ir-rikorrent inghata diga access adegwat ghall-qorti.

b. Ir-rikorrent ikkwota kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-bniedem ghal access ghal qorti. L-intimati ssottomettew f'dan ir-rigward li l-kazistika kkwotata hi irrelevanti ghall-

kaz in kwistjoni. B'mod generali din il-kazistika kienet tittratta dwar dik il-parti tal-procedura kriminali li tigi ezatt qabel tibda l-procedura fil-qorti. Tittratta dwar il-perjodu li fih irid ikun intavolat l-appell, id-depozitu ta' flus biex jibda jinstema' l-appell u d-dritt li wiehed jappella. Fil-kaz in kwistjoni, dawn l-istadji lahqu kienu ghaddew kollha u l-appell fil-fatt kien appuntat u saret l-ewwel dehra tieghu. Ghalhekk din il-kazistika kienet irrelevanti ghall-kaz odjern.

c. L-intimati kienu ssottomettew li r-rikorrent kien sab biss din il-kazistika ghaliex proprju, id-dritt t'access ghall-qorti kien interpretat mill-qrati taghna u mill-qorti ta' Strasbourg fis-sens tal-kazistika kkwotata mir-rikorrent. Dan ifisser li l-qrati kienu interpretaw id-dritt t'access kif fil-fatt ifisser u cioe` d-dritt li tidhol il-qorti. Dan id-dritt ghalhekk ma kienx japplika ghal meta r-rikorrent ikun gja dahal il-qorti u nbdew il-proceduri, bhalma hu l-kaz odjern. Fil-fatt id-dritt t'access ghall-qorti kien interpretat u applikat f'dawn ic-cirkustanzi li gejjin u f'cirkustanzi simili:

- Ir-rikorrent, li kien il-habs, ma kienx thalla jikkomunika mal-avukat tieghu
- Ir-rikorrent ma kienx inghata d-dritt li l-akkuzi tieghu ikunu determinati minn qorti
- Id-dritt t'access hu dritt ghal access effettiv, li jinkludi per ezempju d-dritt ghall-ghajnuna legali
- id-dritt t'access ghandu l-limiti tieghu. Mhuwiex dritt assolut. L-istat jista' jaghmel restrizzjonijiet fuqu sakemm tibqa' protetta l-essenza tad-dritt. Dan kien jinkludi wkoll limitazzjonijiet bil-ligi tal-procedura, bhalma huma eccezzjonijiet imqajma, bhall-privilegg, jew immunita`, perjodi ta' zmien ragonevoli li fihom irid isir xi haga, u l-hlas ta' kawtela. F'dan is-sens l-intimati kienu ghamlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Simon Brincat vs Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Gunju 1994. F'dan il-kaz il-Qorti kienet qalet li d-dritt ghal smigh xieraq huwa limitat ghax hu dritt u mhux kapricc. F'dan il-kaz l-appell kriminali kien mar dezert ghax ir-rikorrent kien naqas li jaghmel xi haga li titlob minnu l-ligi.

Dawn huma kollha fazijiet tal-procedura li kienu lahqu ghaddew qabel qam il-punt li dwaru kien qed isir ilment, u ghalhekk id-dritt t'access ghall-qorti ma kienx applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

9. Illi dan kien kaz fejn abuzivament, ir-rikorrent kien qed jipprova kull mezz li ghandu biex ir-rikors ma jkunx dikjarat null. Il-ligi tal-procedura ghandha d-dettami taghha. F'dan ir-rigward il-ligi hija cara, u l-interpretazzjoni taghha kienet ben stabbilita mill-qrati taghna. Jekk wiehed jibqa' jsegwi l-argument tar-rikorrent sal-final tieghu, naslu f'punt fejn narmu l-ligi procedurali taghna kemm fil-kamp civili kif ukoll kriminali peress li nghidu li din possibilment tikser id-drittijiet tal-bniedem. Il-procedura kienet qieghda hemm biex tirregola l-mod kif jitressqu t-talbiet quddiem il-qrati. Mhix ligi kapriccuza izda hija bzonnjuza biex taghti liz-zewg partijiet u tassiguralhom f'kull hin li jkunu jafu tajjeb ir-regoli li maghhom iridu jimxu biex iressqu ttalbiet taghhom. Hekk per ezempju l-ligi tal-preskrizzjoni li permezz taghha d-dritt t'azzjoni jkun estint, hi importanti biex ma thallix kwistjonijiet jew allegazzjonijiet pendenti ghal tul ta' zmien minghajr ma jkunu determinati jew konkluzi. Ukoll, il-provedimenti kollha fil-ligi ta' procedura fil-kamp civili u kriminali li jghidu kif ghandhom ikunu prezentati l-atti b'piena ta' nullita` jimmilitaw favur ic-certezza. Hu ben stabbilit fil-ligi u fil-gurisprudenza taghna li minnha nnifisha, u jekk segwita sewwa, il-ligi tal-procedura hija l-ligi li tassigura smigh xieraq.

10. L-intimati kienu ssottomettew li f'dan il-kaz kien hemm opportunita` shiha ghall-access ghal qorti moghtija lir-rikorrent. Hu kien ha l-opportunita` izda uza l-procedura hazin. Jekk kien hemm nuqqas meta kien intavolat ir-rikors t'appell, allura dan kellu jbatih ir-rikorrent li kien tenut li jaf il-ligi. Irregolarita` fit-talbiet u fir-rikors t'appell li l-ligi u l-gurisprudenza jipprovdu li twassal ghan-nullita` hija wahda mill-provedimenti tal-ligi tal-procedura u ma twassalx ghall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

11. Illi l-eccezzjoni mqajma mill-Avukat Generali fl-ewwel seduta tal-appell kriminali kienet eccezzjoni legittima — eccezzjoni li seta' jqajjem u kellu kull dritt iqajjem. L-

Avukat Generali kien qed jezercita dritt li taghtih il-ligi li jqajjem dawk l-eccezzjonijiet li jidhirlu bhal kull parti fi kwalunkwe proceduri, u f'dan is-sens ma kienx jista' jinzamm responsabbli ghax utilizza dawk il-mizuri li tipprovdilu l-ligi.

12. Fi kwalunkwe kaz l-intimati kienu ssottomettew li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-rikorrent u ghalhekk it-talbiet tieghu kellhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrieh.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Illi f'dan l-istadju preliminari, il-partijiet ma ressqux provi u dan peress illi din is-sentenza ser tirrigwarda l-ewwel erba' eccezzjonijiet ta' l-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi ghalhekk kif diga inghad din il-Qorti sejra biss tiddeciedi dwar l-ewwel erba' eccezzjonijiet imqanqla mill-intimati.

Il-Qorti sejra titratta dawn l-eccezzjonijiet ***seriatim***. L-ewwel eccezzjoni ossia risposta ta' intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija taqra hekk:

"1. Preliminarjament ukoll, ir-rikors promutur kien irritu u null stante li din il-kwistjoni kostituzzjonali kellha tinbeda b'referenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan is-sens id-digriet li awtorizza din ilprocedura kien ukoll irritu u null. L-artiklu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4(3) tal-Kap 319 jipprovdu li Qorti li mhix il-Prim Awla meta rinfaccjata minn kwistjoni kostituzzjonali, ghandha taghmel referenza lil Prim Awla, sakemm ma jidhrilhiex li l-kwistjoni hija frivola u vessatorja.

Tajjeb li jigi sottolinejat f'dan l-istadju certu punti ta' rikjam.

1) Illi sabiex persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha halli hija tiddetermina jekk id-drittijiet fundamentali taghha skond il-Kostituzzjoni u/jew skond l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Kap. 319) jehtieg li dawn jinbdew b'rikors (Art. 2 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-procedura tal-Qrati) jew b'riferenza minn kull Qorti ohra "li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali" u dan l-ghaliex quddiem tkun qamet "xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin)" (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4(3) tal-Kap. 319).

2) Illi skond ma ghallmet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar, 1991 fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Bartolo et vs Agent Registratur tal-Qrati noe et**:

"Il-gudikant mhux marbut li joqghod biss ghal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent ghal dak li hija l-indikazzjoni preciza ta' l-artikoli kostituzzjonali li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tieghu – salv naturalment, u kompatibbilment mad-drittijiet ta' l-intimati li ma jigux sorprizi w pregudikati bil-fatt li jigu decizi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunita li jezaminawhom u jiddefendu ruhhom fuqhom – ghaliex b'hekk altrimenti, jigu pregudikati ngustament id-drittijiet tad-difiza.

Il-flessibilta procedurali li ghaliha ghada kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija licenzjata li: "...tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (inkluzi) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna".

Ghalhekk l-intimati m'ghandhomx raguni li jillamentaw fuq il-provvediment tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Id-direttiva hija li d-decizjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqis xieraq u mhux in konformita ma dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-procedura normali".

Issa b'mod dirett ghal-ewwel eccezzjoni imqanqla fir-risposta tal-intimati, l-abbli difensur taghhom iccitat s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet **Angelo Spagnol vs L-Onorevoli Prim' Ministru noe et**. Jidher illi din id-decizjoni tiffavorixxi mhux bi ftit lil din it-tezi u cioe' li l-procedura odjerna kellha tinbeda b'riferenza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali u mhux b'rikors, dejjem u ovvjament jekk hija – wara li tistharreg jekk tali tqanqil kienx semplicement frivolu jew vessatorju – tiddeciedi li taghmel tali referenza. Fil-fatt skond din is-sentenza (tal-Qorti Kostituzzjonali) (pagna 11 tas-sentenza) inghad illi skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni:

"l-ewwel Qorti kellha l-obbligu ("ghandha tibghat" fit-test Malti tal-Kostituzzjoni; "shall refer" fit-test Ingliz) li tibghat il-kwistjoni dwar il-ksir ta' xi wahda mill-artikoli 33 sa 45 lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili pero' wara li jigu sodisfatti certi rekwiziti, u cioe:

(1) Jehtieg li jkunu jezistu xi proceduri f'xi Qorti;

(2) Dawn il-proceduri ma jkunux fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew fil-Qorti Kostituzzjonali;

(3) Il-kwistjoni trid tqum f'dawn il-proceduri;

(4) Il-kwistjoni trid tkun dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni;

(5) It-tqanqil tal-kwistjoni ma tridx tkun semplicement frivola jew vessatorja"

Dik l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kompliet tghid illi: "l-Qorti Kriminali tal-Magistrati injorat l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni bhalilkieku ma kinux jezistu. Meta qamet quddiemha l-kwistjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali fuq imsemmi, minflok ma ddecidiet, kif kien obbligu taghha li taghmel skond it-termini espressi tal-Kostituzzjoni, jekk fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni kinitx semplicement frivola jew vessatorja, tat zmien lill-imputat biex jekk irid jaghmel il-kawza kostituzzjonali li ried jaghmel. Huwa veru li jidher mill-verbal li din proprju kienet it-talba ta' l-imputat – tant li l-Qorti Kriminali tal-Magistrati fid-digriet taghha laqghet it-talba u tatu z-zmien fuq imsemmi; <u>izda dan hija ma setghatx taghmlu</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti). Meta l-kwistjoni kostituzzjonali

fuq imsemmija giet imqajjma, hija kellha l-obbligu, b'disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni, li tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz li fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma kinitx semplicement frivola jew vessatorja. U meta r-rikorrent appellant qajjem il-kwistjoni kostituzzjonali fuq imsemmija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati, huwa assogetta ruhhu ghall-procedura specjali kkontemplata fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni".

Konsegwentement dik l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi:
"dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li l-imsemmi digriet tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati tas-7 ta' Lulju, 1988, li bih tat xahar zmien lir-rikorrent biex jaghmel il-kawza kostituzzjonali huwa kontra l-imsemmija disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u kwindi rritu u null bil-konsegwenza wkoll li l-proceduri prezenti, maghmula in segwitu u konformement ma' l-imsemmi digriet, huma wkoll nulli ".

Dan il-hsieb u insenjament hawn appena imsemmi ha zvolta ohra bis-sentenzi moghtija mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **Alan Mifsud et vs L-Avukat Generali et** deciza fit-23 ta' Novembru, 1990 u f'**Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-22 ta' Mejju, 1991.

Fis-sentenza **Mifsud et vs Avukat Generali** (op. cit.) inghad mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali illi:
"kull persuna li waqt xi procediment quddiem xi qorti li m'hix il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali, jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-persuna trid taghzel – jew li tipprocedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibghat l-istess quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili".

Tajjeb illi jigi sottolinejat il-fatt illi f'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ikkunsidrat ukoll l-import tas-subartikolu (5) tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni:
"li billi jekk it-talba ghar-riferenza tigi michuda in kwantu hija sempliciment frivola jew vessatorja, ma hemmx appell

minn dik ic-cahda, din il-Qorti eskludiet il-procedura sussegwenti permezz ta' rikors, meta dik il-procedura timplika appell indirett mid-decizjoni li l-kwistjoni sollevata hija semplicement frivola jew vessatorja".

Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali ghaddiet biex cahdet dan l-aggravju.

Sussegwentement fil-kawza fl-ismijiet **Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija** (op. cit.) dik l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali – meta kienet qeghda tittratta aggravvju simili ghal dak odjern – qalet illi:
"Ghandu jigi osservat, f'dan il-kuntest, illi l-ewwel tifsira li ghandu dan is-subartikolu hija, li nkwantu l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni esklussiva, fl-ewwel grad, biex tikkunsidra kull kwistjoni li tirrigwarda d-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentalita' l-Individwu, l-ebda Qorti ohra ma ghandha gurisdizzjoni biex tikkunsidra tali kwistjoni hlief meta tqis dik il-kwistjoni semplicement frivola u/jew vessatrja. Ghalhekk meta dan ma jkunx il-kaz, billi kull kwistjoni mqanqla f'kawza trid tigi rizoluta, dik il-Qorti ghandha tirriferi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ghas-soluzzjoni taghha. Dan l-obbligu naturalment, ma jissusistix meta, dik il-kwistjoni tkun se tigi rizoluta, f'xi proceduri, li jkunu u diga gew inizjati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili – bhalma gara fil-kaz prezenti. Altrimenti r-riferenza tispicca biex tirdoppja inutilment proceduri ntizi biex isolvu l-istess kwistjoni.

Naturalment ukoll, l-istess obbligu ta' riferenza ma jisussistix meta l-kwistjoni kostituzzjonali li tigi sollevata, tkun diga giet rizoluta mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew mill-Qorti Kostituzzjonali, u l-ewwel qorti tghaddi biex tapplika din id-decizjoni billi kull riferenza fuq l-istess kwistjoni tkun inutli; u meta dik il-kwistjoni tkun diga giet deciza negattivament, l-ewwel qorti tista infatti, tikkunsidra l-kwistjoni sollevata f'sens kuntrarju ghad-decizjoni – frivola u/jew vessatorja;

Dan kollu juri illi l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni hija dik li ghandha tirrisolvi l-interpretazzjoni korretta tas-subartikolu (3) tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni w l-obbligatorjeta imposta

fuq l-ewwel Qorti ghandha tiftiehem f'dan is-sens u mhux fis-sens formalment mekkaniku li jippretendi l-appellant;

F'dan il-kaz, la r-rizoluzzjoni tal-kwistjoni kienet se ssir mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara r-rikors tal-appellant, l-ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li taghmel ir-Riferenza ghas-soluzzjoni tal-istess kwistjoni ".

Issa biex nigu ghal kaz odjern, wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-portata tas-sentenzi hawn fuq indikati, ma' l-ewwel wiehed jinduna li l-kaz odjern huwa xi ftit differenti minn dawn l-ahhar zewg sentenzi imsemmija u cioe' dawk ta' Mifsud u ta' Ellul. Dan fis-sens illi fil-kaz odjern, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-verbal taghha – u dan kif dikjarat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, liema dikjarazzjoni qatt ma giet ribaduta mill-intimati odjerni – iddekretat illi:
"Il-Qorti, In vista tad-dikjarazzjoni ta' l-appellant li ser jintavola proceduri kostituzzjonali biex jinvicja l-eccezzjoni preliminari li nghatat mill-Avukat Generali dwar in-nullita tar-rikors ta' l-appell u in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ssibx oggezzjoni li din il-Qorti tissporassjedi sakemm dan il-punt jigi deciz mill-Qorti kompetenti, b'dana li kopja ta' l-istess rikors ghandha tigi esebita b'nota quddiem din il-Qorti u tiddifferixxi l-kawza ghat-28 ta' Ottubru, 2004 fid-9.00a.m. biex, f'kaz li jkun prezentat l-istess rikors sa dakinhar, tissporassjedi sakemm ikun maghruf l-ezitu finali ta' l-istess proceduri kostituzzjonali".

Huwa minnu wkoll illi skond l-istess nota ta' sottomissjonijiet id-difensur tar-rikorrenti (li kien l-istess wiehed bhal dak odjern u cioe' Dr. Tonio Azzopardi) kien ivverbalizza – u dan wara li tqajjmet l-eccezzjoni preliminari mill-Avukat Generali – illi: "f'dan l-istadju Dr Tonio Azzopardi ghall-appellant qed jissolleva punt ta' natura kostituzzjonali li a tenur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 319 ghandu jigi riferut lill-Qorti kompetenti ghat-trattazzjoni u decizjoni u dan wara li l-Avukat Generali permezz ta' eccezzjoni preliminari ssolleva n-nullita tar-rikors ta' l-appell minhabba li ntalbet ir-revoka tas-sentenza u mhux ir-riforma tas-sentenza. Id-difiza ta' l-appellant tissottometti

illi (interpretazzjoni) daqstant rigida, meta tigi paragunata mal-konsegwenza li l-appellant jitlef id-dritt li jappella mis-sentenza, hija eccessivament gravuza fuq id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq (art. 6 tal-Kap. 319) u d-dritt ghal rimedju effettiv (art. 13 tal-Kap. 319) u jiddikjara li ser jipprocedi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti f'dan is-sens".

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif hija tista' tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati meta r-rikorrenti odjern iddikjara li huwa kien ser jressaq rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Dan il-hsieb ta' din il-Qorti huwa ukoll ikkonfermat b'dak li inghad mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza nhar is-16 ta' April, 1999 illi:
"l-fatt illi r-rikorrent appellant ghazel illi joqghod ghad-direttiva li taghtu l-ewwel Qorti u pproceda b'rikors separat biex jirrivendika l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tieghu ma jirrendix lil dik il-procedura irritwali u nulla. Il-procedura uzata kienet *stricto iure* konformi mal-Kostituzzjoni u mar-regoli u kien allura doveruz ghal dik u ghal din il-Qorti, li konsidrata n-natura tal-mertu kostituzzjonali, jitrattaw u jiddeciedu r-rikors".

Li kieku din il-Qorti kellha taccetta – ghal grazzja ta' l-argument – l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, li jigri fil-prattika hu li jekk dak id-digriet jigi dikjarat null, xejn ma jkun jzomm lir-rikorrenti milli jibda proceduri ***de novo*** huwa bl-istess kawzali – stante li sa issa ma hemmx decizjoni fuq il-mertu – jew lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li taghmel ir-riferenza rikjesta. Dak li jkun ser jigri huwa biss li l-proceduri jigu duplikati u mtawla ghal xejn. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni kif diga inghad.

It-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati hija dwar l-intempestivita tar-rikors odjern. L-abbli difensur tal-intimati qeghda tghid illi r-rikorrenti jkollu dritt ta' azzjoni hekk u meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tiddikjara li r-rikors ta' l-Appell tieghu huwa null u bla effett. Mill-banda l-ohra l-abbli difensur tar-rikorrenti qieghed jghid illi:

"bir-rimarka jew avviz ta' l-Onorevoli Mhallef li qed jippresjedi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar il-gurisprudenza in materja ta' nullita, din il-minacca ta' vjolazzjoni tezisti diga u l-esponent m'ghandux ghalfejn jistenna li l-appell jigi mitfugh 'il barra sabiex ikun jista jipprezenta proceduri kostituzzjonali".

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti tara hafna sens f'dak li qieghdin jissottometti l-intimati u cioe` li bhala prassi dak li jkun intqal fil-Qorti ghandu jirrizulta mill-atti u li generalment, u sakemm il-kaz ma jkunx jirrikjedi xort' ohra, hija dak verbalizzat li jkun l-ahjar prova. Pero' f'dan il-kaz, dejjem skond ma qeghda tifhem din il-Qorti, l-Avukat Generali fil-proceduri li hemm quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali qajjem eccezzjoni preliminari fis-sens illi r-rikors ta' l-Appell (dak kriminali) kien null u dan peress illi minflok intalbet ir-riforma intalbet ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Issa jekk ir-rikorrenti odjern deherlu, li jekk dik l-eccezzjoni tintlaqa', huwa jisfa minghajr appell, allura huwa kien gustifikat li jaghmel dawn il-proceduri. Il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jitkellmu car. Kull persuna ghandha dritt li tadixxi lil din il-Qorti ghal protezzjoni taghha jekk jidhrilha illi "*x'aktarx ser tigi miksurha*" xi wahda mid-drittijiet fundamentali taghha. Dan huwa rimedju eccezzjonalissimu li jipprovduh kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Kap. 319. Kif jghid l-Prim' Imhallef Emeritus G. Mifsud Bonnici fil-ktieb tieghu "**Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms**" meta kien qieghed jiddiskuti d-dritt ta' azzjoni f'kawzi ta' natura kostituzzjonali:
"in what sense is this right of action qualified as 'new' vis-a-vis the Code of Organization and Civili Procedure which is the basic procedural law? In the first place, it is new in the sense that it introduces a concept, which is not known in the ordinary rights of action provided for in that Code, Chap. 12. This is that whenever any person alleges that any one of his fundamental rights or freedoms 'is likely' to be violated he can have recourse to the court and seek a remedy. This means that the action envisages that a mere, potential, threat of a violation is enough to entitle a person to request protection through the Court".
(ara pagni 15 u 16 ta' l-imsemmi ktieb).

Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

It-tielet eccezzjoni tal-intimati hija li r-rikorrenti qieghed jabbuza mill-procedura kostituzzjonali u dan peress illi r-rikorrenti qieghed jipprova juza dawn il-proceduri bhala forma t'appell tat-tielet istanza, minn decizjoni (li kienet ghadha ma nghatatx) tal-qorti tal-appell kompetenti.

Dwar din l-eccezzjoni r-rikorrenti irribatta u qal illi dak li qieghed jinghad mill-intimati ma ghandux mis-sewwa u li kull ma qieghed jintalab minnu huwa li din il-Qorti:
"tipprevjeni vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-esponent, konformement ma' dak li hemm mahsub fil-Kostituzzjoni".

Ir-rikorrenti jghaddi biex jiccita l-artikolu 46(1) tal-istess Kostituzzjoni.

Din il-Qorti, li certament ma hijiex Qorti ta' l-Appell tat-Tielet Istanza, qeghda hemm biex tissalvagwardja d-drittijiet ta' kull persuna li tallega li xi wiehed mid-drittijiet fondamentali taghha jkunu gew, qed jigu jew x'aktarx li ser jigu miksura, u sabiex wara li hija tistabilixxi dan il-fatt, hija taghti rimedju. Dak li ser taghmel din il-Qorti.  Zgur illi l-Qorti ma hijiex ser tippermetti lil xi parti jew ohra tuzaha bhala Qorti ta' l-Appell tat-Tielet Istanza.  Jekk pero`, din il-Qorti, meta tigi biex tikkunsidra l-mertu jidhrilha illi xi dritt fundamentali tar-rikorrent gie, qed jigi, jew x'aktarx ser jigi lez, allura hija sejra tipprovdi fis-sentenza finali taghha. Pero` dwar din il-kwistjoni din il-Qorti f'dan l-istadju ser tieqaf hawn, u thalli din il-kwistjoni impregudikata.

Illi l-ahhar eccezzjoni ta' l-intimati hija fis-sens illi hija ghandha tastjeni milli tisma' dan ir-rikors minhabba li din kienet procedura frivola u vessatorja u dan minhabba r-ragunijiet imsemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafu t'hawn fuq. Issa galdarba t-tieni u t-tielet paragrafu tar-risposta ta' l-intimati gja gew trattati u mentri t-tieni paragrafu gie michud, it-tielet wiehed baqa impregudikat hekk ukoll sejra tichad din ir-raba eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Fil-kawza deciza mill-Onor Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Al Salim Souhail** inghad li frivola tfisser li l-kwistjoni ma kellix valur jew importanza, minghajr serjeta', bla sens; vessatorja tfisser li l-kwistjoni sollevata minghajr raguni sufficjenti u bl-intenzjoni li tirrita u ddejjaq lill-kontro-parti – ara wkoll
Mifsud Alan vs Avukat Generali et LXXIV-I-227
Ellul Nicholas vs Kummissarju tal-Pulizija LXXV-I-240
Ciantar Joseph vs Prim Ministru LXXIX-I-126
Azzopardi Mario vs Registratur tal-Qorti et 17/1/96.

Apparti dan kollu, din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe` li jekk appell kriminali jissoktax jew le qatt ma jista' jitqies bhala kwistjoni frivola u vessatorja. F'dawn il-proceduri qeghdin jigu diskussi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fl-ambitu tal-proceduri Kriminali li l-Istat istitwixxa kontrih. Huwa importanti li persuna jkollha l-protezzjoni tal-Qrati meta xi wiehed jew aktar mid-drittijiet fundamentali taghha jkunu gew, qed jigu, jew x'aktarx li jigu lezi.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu li inghad, filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni u qed thalli impregudikata l-posizzjoni taghha fir-rigward tat-tielet eccezzjoni lkoll imqanqla mill-intimati, qeghda tiddiferixxi dan ir-rikors ghall-kontinwazzjoni ghat-2 ta' Frar, 2006 fil-11.00 a.m.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------